



KUNSILL EWROPEW

Brussell, 25 ta' Ottubru 2013

EUCO 169/13

**CO EUR 13
CONCL 7**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW
24 u 25 ta' Ottubru 2013**

KONKLUŻJONIJIET

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (24 u 25 ta' Ottubru 2013).

Is-sinjali tal-irkupru ekonomiku jidhru, iżda jeħtieġ li l-UE tkompli bl-isforzi tagħha biex iżżid il-potenzjal ta' tkabbir, tkattar il-ħolqien tal-impjegi u tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea. Illum il-Kunsill Ewropew iffoka fuq l-ekonomija diġitali, l-innovazzjoni u s-servizzi. Dawn l-oqsma għandhom potenzjal partikolari għat-tkabbir u l-impjegi li għandu jiġi mmobilizzat b'mod rapidu. Il-Kunsill Ewropew ipprova gwida konkreta sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ tal-potenzjal attwali.

Il-Kunsill Ewropew haress ukoll lejn oqsma ta' politika ekonomiċi u soċjali differenti. Hu kien kont tal-implimentazzjoni tal-inizjattivi meħuda f'Ġunju fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-finanzjament tal-ekonomija, partikolarment tal-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, u qabel dwar miżuri addizzjonali. Hu ta impetu għal regolamentazzjoni aħjar.

Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni approfondita dwar it-tweġġ tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Hu ffoka b'mod partikolari fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politika ekonomika, it-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u t-tweġġ tal-Unjoni Bankarja. Kif ġie deċiż f'Ġunju, il-Kunsill Ewropew ser jerġa' jikkunsidra dawn l-elementi kollha f'Diċembru bil-ħsieb li jittieħdu deċiżjonijiet.

Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess is-Summit dwar is-Sħubija tal-Lvant li ser isir f'Vilnjus fit-28 u d-29 ta' Novembru 2013.

Il-Kunsill Ewropew esprima d-dieqa kbira tiegħu fir-rigward tal-avvenimenti traġiċi reċenti fil-Mediterran li fihom tilfu ħajjithom mijiet ta' persuni u ddeċieda li jżid l-azzjoni tal-Unjoni biex jiġi evitat li jergħu jseħħu traġedji bħal dawn.

I. L-EKONOMIJA DIĠITALI, L-INNOVAZZJONI U S-SERVIZZI

1. Ekonomija diġitali b'saħħitha hi vitali għat-tkabbir u l-kompetittività Ewropea f'dinja globalizzata. Għal dan il-għan, għandu jsir kull sforz possibbli biex l-industrija Ewropea terġa' taqbad ir-ritmu fi prodotti u servizzi diġitali. Hemm hteġġa urġenti għal suq uniku integrat fis-settur diġitali u tat-telekomunikazzjoni, li jkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi u l-kumpanniji. Bħala parti mill-istrateġija tagħha għal tkabbir, l-Ewropa għandha ssaħħa l-innovazzjoni diġitali mmexxija mid-data fis-setturi kollha tal-ekonomija. Għandha tingħata konsiderazzjoni speċjali għall-appoġġ biex titnaqqas id-diskrepanza diġitali fost l-Istati Membri.

Investiment fl-ekonomija diġitali

2. Biex isir użu sħiħ mill-potenzjal tal-ekonomija diġitali, biex tissaħħaħ il-produttività u jinħolqu attività ekonomika ġdida u impjiegi bi kwalifiki għoljin, l-Ewropa teħtieġ investiment u l-qafas regolatorju adatt. Għandhom jiġu promossi investimenti ġodda biex tiġi aċċellerata l-introduzzjoni ta' infrastruttura li tkun kapaċi tikseb il-miri għall-veloċità broadband tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, u biex jiġi aċċellerat l-użu ta' teknoloġiji ġodda, bħall-4G, filwaqt li tinżamm in-newtralità teknoloġika. Il-miżuri leġislattivi biex titnaqqas l-ispiża tal-introduzzjoni tal-broadband għandhom jiġu adottati rapidament.

3. Diversi teknoloġiji strateġiċi bħall-Big Data u l-Cloud computing huma strumenti importanti għall-produttività u għal servizzi aħjar. Il-Cloud computing għandu jtejjeb l-aċċess għad-data u jissimplifika l-kondiviżjoni tagħha. Il-Big Data għandha l-għan li tipproċessa, tiġbor, taħżen u tanalizza ammonti kbar ta' data. L-azzjoni tal-UE għandha tipprovdi l-kondizzjonijiet qafas adatti għal suq uniku għall-Big Data u l-Cloud computing, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni ta' standards għoljin għal servizzi cloud siguri, ta' kwalità għolja u affidabbli. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, bl-appoġġ tas-"Sħubija Ewropea dwar il-Cloud Computing", għandhom ikomplu jagħmlu kull sforz biex l-Ewropa tkun minn ta' quddiem nett fl-adozzjoni tal-cloud computing. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-istabbiliment ta' netwerk b'saħħtu ta' koordinaturi diġitali nazzjonali li jista' jkollhom rwol strateġiku fl-iżvilupp tal-Cloud, il-Big Data u l-Open Data.

4. Il-ħidma li għaddejja bħalissa biex jiġu indirizzati l-evażjoni tat-taxxa, il-frodi fiskali, l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u t-trasferiment tal-profitt hi wkoll importanti għall-ekonomija diġitali. L-Istati Membri għandhom ikomplu jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom, fejn adatt, sabiex jiksibu l-aħjar soluzzjoni possibbli għall-Istati Membri u l-UE fil-qafas tal-OECD u l-proġett BEPS (Erożjoni tal-Bażi u Trasferiment tal-Profitt) tagħha. Fir-rieżami tagħha tal-VAT li għaddej bħalissa, il-Kummissjoni ser tindirizza wkoll kwistjonijiet li huma speċifiċi għall-ekonomija diġitali, bħar-rati tat-taxxa ddifferenzjati għal prodotti diġitali u fiżiċi. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex jiġi stabbilit grupp ta' esperti dwar it-tassazzjoni tal-ekonomija diġitali. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal kwistjonijiet relatati mat-tassazzjoni fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2013.

Promozzjoni ta' Suq Uniku Diġitali faċilment aċċessibbli għall-konsumaturi u għan-negozji

5. Huwa kruċjali li tingħeleb il-frammentazzjoni, li tiġi promossa kompetizzjoni effettiva u li jiġi attirat investiment privat permezz ta' qafas legali mtejjeb, prevedibbli u stabbli għall-UE kollha, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u jingħata lok ta' flessibilità lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri addizzjonali għall-protezzjoni tal-konsumatur. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-pakkett "Kontinent Konness" u jhegġegħ lil-leġislatur biex iwettaq eżami intensiv bil-ħsieb li dan jiġi adottat mingħajr dewmien. Huwa jissottolinja l-importanza li jiġu kkoordinati aħjar iż-żmien meta jsir l-assenjament tal-ispettru u l-kondizzjonijiet tiegħu, filwaqt li jiġu rrispettati l-kompetenzi nazzjonali f'dan il-qasam.
6. L-impenn tat-twertiq tas-Suq Uniku Diġitali sal-2015 għandu jiġi rrispettat: il-frammentazzjoni tas-suq tal-lum ma tħallix li joħroġ il-potenzjal sħiħ tal-ekonomija diġitali. Dan jeħtieġ approċċ komprensiv li jippromwovi l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni fis-servizzi diġitali.

7. Għandu jsir kull sforz biex tiġi aċċellerata l-ħidma fuq il-proposti leġislattivi pendenti, b'mod partikolari l-proposti dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji, u dwar il-fatturazzjoni elettronika u s-servizzi ta' ħlas, biex dawn ikunu jistgħu jiġu adottati sa tmiem il-perijodu leġislattiv. Jeħtieġ ukoll li jiġu indirizzati l-ostakoli fl-aċċess tal-"ħajja diġitali" tal-individwu minn pjattaformi differenti li jippersistu minħabba n-nuqqas ta' interoperabbiltà jew in-nuqqas ta' portabbiltà tal-kontenut u d-data. Dan jostakola l-użu tas-servizzi diġitali u l-kompetizzjoni. Għaldaqstant, għandu jiġi stabbilit qafas miftuħ u nondiskriminatorju biex jiżgura tali interoperabbiltà u portabbiltà mingħajr ma jiġi mxekkel l-iżvilupp tal-isfera diġitali li miexja b'ritmu mgħaġġel u filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv mhux meħtieġ, speċjalment għall-SMEs. Il-forniment ta' servizzi u kontenut diġitali fis-suq uniku kollu jeħtieġ l-istabbiliment ta' reġim tad-drittijiet tal-awtur għall-era diġitali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ser tlesti r-rieżami li għaddej tagħha tal-qafas tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur fir-rebbiegħa tal-2014. Huwa importanti li jiġi mmodernizzat ir-reġim Ewropew tad-drittijiet tal-awtur u li jiġi ffaċilitat l-għoti ta' liċenzji, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali u b'kont meħud tad-diversità kulturali.
8. Huwa importanti li titrawwem il-fiduċja taċ-ċittadini u n-negozji fl-ekonomija diġitali. L-adozzjoni f'waqtha ta' Qafas Ġenerali b'saħħtu tal-UE għall-Protezzjoni tad-Data u d-Direttiva dwar iċ-Ċibersigurtà hija essenzjali biex jitwettaq is-Suq Uniku Diġitali sal-2015.
9. Il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi għandha tkompli permezz tal-implimentazzjoni rapida ta' servizzi bħall-gvern elettroniku, is-saħħa elettronika, il-fatturazzjoni elettronika u l-akkwist elettroniku. Dan ser iwassal għal aktar servizzi diġitali u servizzi diġitali aħjar għaċ-ċittadini u l-intrapriżi fl-Ewropa kollha u biex jiġu ffrankati l-ispejjeż fis-settur pubbliku. Open Data hija riżorsa mhux sfruttata b'potenzjal enormi biex jinbnew soċjetajiet aktar b'saħħithom u aktar interkonnessi li jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet taċ-ċittadini u jippermettu li l-innovazzjoni u l-prosperità jkunu ta' suċċess. L-interoperabbiltà u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni fis-settur pubbliku għandhom jiġu promossi b'mod attiv. Il-leġislazzjoni tal-UE għandha titfassal biex tiffaċilita l-interazzjoni diġitali bejn iċ-ċittadini u n-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi. Għandhom isiru sforzi biex jiġi applikat il-prinċipju li l-informazzjoni tinġabar miċ-ċittadini darba biss, b'rispett dovut għar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

Titjib tal-ħiliet

10. L-utenti għandu jkollhom il-ħiliet diġitali meħtieġa. Attwalment, bosta ċittadini u intrapriżi Ewropej ma jużawx l-IT biżżejjed. Dan jirriżulta f'diffikultà dejjem akbar biex jimtlew l-impjiegi diġitali battala. Fl-2011, l-Unjoni Ewropea ffaċċjat 300 000 post battal fis-settur tal-ICT; jekk din it-tendenza ma tiġix ikkontrollata, jista' jkun hemm sa 900 000 post battal sal-2015. Dan in-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet hu ta' ħsara għall-oġettivi tal-politika ekonomika u soċjali tagħna.
11. Jeħtieġ li jittieħdu passi konkreti sabiex din is-sitwazzjoni tiġi riżolta:
 - a) parti mill-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (2014-2020) għandhom jintużaw għall-edukazzjoni fl-ICT, l-appoġġ għat-taħriġ mill-ġdid, u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fl-ICT, inkluż permezz ta' għodod u kontenut diġitali, fil-kuntest tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ;
 - b) għandu jiġi żgurat grad oġhla ta' integrazzjoni tal-ħiliet diġitali fl-edukazzjoni, mill-istadji l-iktar bikrin tal-iskola għall-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja;
 - c) il-Gran Koalizzjoni għall-Impjiegi Diġitali għandha tissaħħaħ biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet permezz ta' appoġġ għal skemi mmirati ta' mobbiltà tal-ħaddiema u l-użu ta' Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO) li għadha kif ġiet żviluppata;
 - d) il-Kummissjoni ser tkompli tintensifika l-ħidma abbażi tal-Panorama ta' Ħiliet tal-UE għall-impjiegi diġitali sabiex jiġi aċċellerat il-progress fir-rigward tal-oqfsa ta' kompetenzi pan-Ewropej għall-ħiliet diġitali.

12. Fit-tliet oqsma - l-investimenti, is-Suq Uniku Diġitali u t-titjib tal-ħiliet - huwa essenzjali li jkun hemm impenn qawwi sabiex jinkiseb l-oġġettiv tat-tisħiħ tat-tkabbir, il-kompetittività u l-impjiegi. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħmlu progress f'din l-aġenda u ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni matul l-2014.

Innovazzjoni

13. L-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni jstimolaw il-produttività u t-tkabbir u huwa kruċjali għall-ħolqien tal-impjiegi. L-Istati Membri li baqgħu jinvestu fir-riċerka u l-innovazzjoni għamlu progress aħjar fil-kriżi attwali minn dawk li ma għamlux dan.
14. Fi Frar 2011, il-Kunsill Ewropew għamel appell għal approċċ strateġiku u integrat biex tissaħħaħ l-innovazzjoni u jittieħed vantaġġ sħiħ mill-kapital intellettuali tal-Ewropa. Huwa stabbilixxa passi speċifiċi biex dan jinkiseb. Sentejn wara, numru sinifikanti minnhom mixjin sew. Il-programmazzjoni konġunta fir-riċerka u l-innovazzjoni qiegħda tiżviluppa. Il-monitoraġġ annwali tal-progress fir-rigward tal-innovazzjoni qiegħed iseħħ fil-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020. Bħalissa l-Kummissjoni qiegħda tistabbilixxi Osservatorju tar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Għadd ta' programmi li jipprovdu finanzjament għall-innovazzjoni qegħdin jiġu ffinalizzati. Kif mitlub, reċentement il-Kummissjoni pproponiet Indikatur uniku għar-Riżultati tal-Innovazzjoni li permezz tiegħu jkun jista' jsir monitoraġġ aħjar.
15. Il-potenzjal intellettuali u xjentifiku tal-Unjoni mhux dejjem isarraff fi prodotti u servizzi ġodda li jistgħu jinbiegħu fis-suq. Ir-raġunijiet ewlenin għal din id-diskrepanza fil-kummerċjalizzazzjoni huma: id-diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzjament, l-ostakoli għas-suq u l-burokrazija eċċessiva. Il-formazzjoni fi grupp tal-istituzzjonijiet u l-industrija tar-riċerka ("raggruppament") jista' jipprovdi l-bażi għal interazzjoni għammiela bejniethom u għall-ħolqien ta' prodotti, servizzi u industriji ġodda.

16. L-Ewropa teħtieġ użu aktar ikkoordinat ta' għodod bħal għotjiet, akkwist pubbliku prekkummerċjali u kapital ta' riskju, u approċċ integrat mir-riċerka u l-innovazzjoni għall-użu fis-suq. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għar-rwol tas-settur pubbliku biex ikunu jistgħu jsiru innovazzjonijiet sistemiċi, speċjalment fis-setturi tat-teknoloġija nadifa u tal-bijoteknoloġija. L-inizjattiva ewlenija "Unjoni tal-Innovazzjoni" tal-2010 tipprovdi għadd ta' strumenti ta' valur li, flimkien mal-programmi ta' finanzjament, bħall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME) u l-Orizzont 2020, inkluża l-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji, jistgħu jappoġġaw l-innovazzjoni u l-impatt tiegħu fuq is-suq. Il-proposti għal Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti fis-settur farmaċewtiku, it-teknoloġiji l-ġodda tal-enerġija, is-settur tal-aeronawtika, il-bijoeconomija u l-elettronika għandhom jiġu adottati malajr kemm jista' jkun. Għandhom ikomplu wkoll l-isforzi fil-livell nazzjonali.
17. Sabiex ikun hemm Żona Ewropea tar-Riċerka sħiħa sa tmiem l-2014, huwa importanti li jiġu aċċellerati r-riformi strutturali tas-sistemi nazzjonali u li jissaħħaħ il-monitoraġġ tal-progress abbażi ta' data robusta pprovduta mill-Istati Membri. Ir-rapport ta' progress ippreżentat mill-Kummissjoni jidentifika xi oqsma li jeħtieġu aktar sforzi. B'mod partikolari, għandna ntejbu l-mobbiltà u l-prospetti professjonali tar-riċerkaturi permezz ta' soluzzjonijiet adegwati għall-pensjonijiet, l-aċċess transnazzjonali għall-infrastrutturi tar-riċerka u aċċess miftuħ għal riżultati ta' riċerka ffinanzjata pubblikament u t-trasferiment tal-għarfien bħala parti mill-istrateġiji tal-innovazzjoni flivell nazzjonali u f'dak Ewropew.
18. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu bl-isforzi tagħhom fil-qasam tal-innovazzjoni u r-riċerka. Huwa ser jieħu kont tal-progress fil-laqgħa tiegħu ta' Frar 2014.

Servizzi u Kummerċ

19. Is-servizzi huma parti fundamentali mis-Suq Uniku. Biex jiġu sfruttati l-benefiċċji ekonomiċi kollha, jeħtieġ li l-Istati Membri jtejbu b'mod urġenti l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi u għaldaqstant jaċċelleraw il-ftuħ tas-swieq tas-servizzi. Għandhom jinħatfu l-opportunitajiet kollha f'dan ir-rigward; l-ostakoli mhux iġġustifikati jew sproporzjonati għandhom jitneħħew sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti fis-suq tas-servizzi. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jipprovdu rapporti ta' progress annwali dwar riformi nazzjonali rigward is-servizzi, inklużi f'setturi individwali, u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel proposti sa Marzu 2014.
20. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-evalwazzjoni bejn il-pari tad-Direttiva dwar is-Servizzi ppreżentata mill-Kummissjoni. Huwa jaqbel li l-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw valutazzjonijiet sistematiċi, bir-reqqa u robusti tal-proporzjonalità tar-rekwiżiti regolatorji tagħhom. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jindirizzaw ostakoli sproporzjonati. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tippovdi gwida addizzjonali lill-Istati Membri rigward il-kunċett tal-proporzjonalità u jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu kont sħiħ tal-aħjar prattiki.
21. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tal-evalwazzjoni reċiproka tal-professjonijiet regolati mnedija mill-Kummissjoni u jagħmel appell għal progress rapidu. Dan l-eżerċizzju għandu jidentifika l-ostakoli li għad fadal fl-aċċess għall-professjonijiet fl-Istati Membri, jivvaluta l-effett kumulattiv impost fuq l-istess professjoni u jissuġġerixxi azzjoni adatta.
22. Il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza tal-kummerċ bħala mutur għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu ta' Frar 2013. Huwa jilqa' l-qbil politiku dwar l-elementi ewlenin ta' Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv mal-Kanada u jistenna b'interess l-eżami rapidu mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Dan il-qbil ser jipprovdi opportunitajiet sinifikanti ġodda għall-kumpanniji fl-UE u fil-Kanada u ser jagħti impetu importanti biex jittejbu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ naħat tal-Atlantiku.

II. POLITIKA EKONOMIKA U SOĊJALI

Għieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh

23. Il-għieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh tibqa' objettiv prinċipali tal-istrateġija tal-UE għall-promozzjoni tat-tkabbir, il-kompetittività u l-impjiegi. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-ħtieġa li din l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ tkun kompletament operazzjonali sa Jannar 2014, li ser jippermetti li jsiru l-ewwel pagamenti lill-benefiċjarji. Huwa jappella lill-Istati Membri biex jimmobilizzaw l-isforzi kollha meħtieġa għal dan il-għan.
24. Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll għal implimentazzjoni rapida mill-Istati Membri tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u d-Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati. Huwa jsostni li jeħtieġ li l-Istati Membri li jibbenefikaw mill-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ, jadottaw pjani li jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażaġh, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-"Garanzija għaż-Żgħażaġħ", qabel tmiem l-2013 sabiex jibbenefikaw rapidament mill-inizjattiva. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Konferenza ta' Pariġi li jmiss.

Finanzjament tal-ekonomija

25. Għandu jkompli jsir kull sforz biex is-self jerġa' lura għan-normal fl-ekonomija u biex jiġi ffaċilitat il-finanzjament tal-investment, partikolarment fir-rigward tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

26. In-negozjati dwar il-programmazzjoni tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (ESIF) għandhom jintużaw biex jiżdied b'mod sinifikanti l-appoġġ globali tal-UE minn dawn il-fondi għall-istrumenti finanzjarji bbażati fuq l-ingranaġġ għall-SMEs fl-2014-2020, filwaqt li tal-inqas jiġi rdoppjat f'pajjiżi fejn il-kondizzjonijiet għadhom ristretti. Dawn l-istrumenti għandhom jitfasslu b'mod li jillimita l-frammentazzjoni tas-suq, jiżgura effetti elevati ta' ingranaġġ u adożzjoni rapida mill-SMEs. Dan ser jgħin biex il-fondi jiġu kkonċentrati b'mod adegwat u biex jikber il-volum ta' self ġdid għall-SMEs.
27. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tar-rapporti mill-Kummissjoni u l-BEI dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri mmirati li jiffinanzjaw l-ekonomija u jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu użu tajjeb mill-opportunitajiet mogħtija. Huwa jtenni l-appell tiegħu biex l-istrumenti finanzjarji konġunti ta' kondiviżjoni tar-riskji bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jissaħħew biex jinkiseb investiment fl-SMEs mis-settur privat u mis-suq ta' kapital, bil-għan li jikber il-volum ta' self ġdid għall-SMEs fl-UE kollha. Għandha tiġi ffinalizzata l-ħidma biex ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni jiġi emendat biex ikunu jistgħu jintużaw il-garanziji. L-istrumenti l-ġodda għandhom jiksibu effetti elevati ta' ingranaġġ finanzjarju u jattiraw l-investiment mis-settur privat u mis-swieq ta' kapital. Il-BEI għandu jibda jimplimentahom filwaqt li għandha tibda minnufih ħidma biex jiġu żviluppati aktar għodod għall-futur, speċjalment dwar it-titolizzazzjoni. Filwaqt li l-kontribuzzjonijiet għall-inizjattiva tal-SMEs għandhom jibqgħu volontarji, il-Kunsill Ewropew jappella għall-ogħla parteċipazzjoni possibbli mill-Istati Membri. L-Istati Membri parteċipanti ser jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-BEI dwar il-kontribuzzjonijiet tagħhom sa tmiem is-sena. L-istrumenti l-ġodda għandhom jibdew joperaw f'Jannar 2014 biex jakkumpanjaw l-irkupru, jiġġieldu l-qgħad u jnaqqsu l-frammentazzjoni fis-snin inizjali tal-qafas finanzjarju.

28. Ir-rwol tal-baġit tal-Unjoni fl-għoti ta' opportunitajiet għall-SMEs hu kruċjali. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-qbil dwar il-programmi COSME u Orizzont 2020 u jindika li l-implimentazzjoni tagħhom hi kwistjoni ta' prijetà. Huwa jinkoraġġixxi wkoll lil-leġislatur biex jaħdem b'mod rapidu fuq il-leġislazzjoni proposta dwar il-fondi ta' investiment fit-tul bil-ħsieb li tiġi adottata qabel tmiem il-perijodu leġislattiv.

Idoneità regolatorja

29. Ir-regolamentazzjoni fil-livell tal-Unjoni hi meħtieġa sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-għanijiet tal-politika tal-UE, inkluż il-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku. Dan għandu jinkiseb bl-ikbar trasparenza u sempliċità u l-inqas spejjeż possibbli, filwaqt li dejjem jittieħed kont tal-ħtieġa għal protezzjoni adatta tal-konsumaturi, is-saħħa, l-ambjent u l-impjegati.
30. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni dwar l-idoneità regolatorja (REFIT), li tirrikonoxxi l-ħidma li diġà twettqet fi snin reċenti biex jitnaqqas il-piż tal-leġislazzjoni, b'mod partikolari għall-SMEs u tipproponi aktar passi ambizzjużi biex jitnaqqas il-piż tal-qafas regolatorju tal-UE. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni biex tagħmel aktar proposti sostanzjali f'dan il-qasam.
31. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lil-leġislatur biex jimplimentaw rapidament il-programm REFIT, fost l-oħrajn permezz tas-simplifikazzjoni tal-liġi eżistenti tal-UE, billi jirtiraw il-proposti li ma għadhomx meħtieġa u billi jħassru l-leġislazzjoni li ma għadhiex valida.

32. Għal dan il-għan, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa li l-progress jiġi mmonitorjat permezz ta' tabella ta' valutazzjoni komprensiva biex jiġi segwit il-progress fil-livell Ewropew u dak nazzjonali u biex jiġi ffaċilitat id-djalogu rigward l-idoneità regolatorja. Huwa jilqa' l-passi li ħadu l-Istati Membri u l-UE bil-għan li jiġu identifikati aħjar ir-regolamenti li joħolqu piż eċċessiv, filwaqt li f'dan ir-rigward jittieħed kont tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Meħtieġa sforzi sostanzjali f'dan ir-rigward, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess biex jintlaħaq qbil dwar aktar passi f'din id-direzzjoni fil-laqgħa tiegħu ta' Ġunju u ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni kull sena bħala parti mis-Semestru Ewropew.

III. UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA

33. Wara l-laqgħat tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2012 u Ġunju 2013, il-Kunsill Ewropew iffoka d-diskussjoni tiegħu fuq l-unjoni bankarja u ekonomika iżda ser jerġa' lura għall-kwistjonijiet kollha f'Diċembru 2013. Dan il-proċess jibni fuq il-qafas istituzzjonali tal-UE, b'rispett sħiħ għall-integrità tas-suq uniku, waqt li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti fost l-Istati Membri tal-UE, inkluż permezz ta' bilanċ ġust bejn l-Istati Membri tal-orġini u dawk ospitanti. Huwa ser ikun miftuħ u trasparenti għall-Istati Membri li ma jużawx il-munita unika.

Koordinazzjoni msañ ñ a tal-politika ekonomika

34. It-tisħiħ tal-governanza ekonomika huwa proċess kontinwu li fih inkiseb progress sinifikanti fis-snin reċenti. Is-Semestru Ewropew jiġbor l-elementi flimkien fi proċess integrat li jwassal għall-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika.
35. Sabiex jiġi promoss tkabbir ekonomiku qawwi, sostenibbli u inklużiv fiż-Żona tal-euro, jeħtieġ li tkompli tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, speċjalment billi jiżdied il-livell ta' impenn, sjieda u implimentazzjoni tal-politiki u r-riformi ekonomiċi fl-Istati Membri taż-Żona tal-euro, abbażi ta' leġittimità demokratika qawwija u responsabbiltà fil-livell li fih jittieħdu u jiġu implimentati d-deċiżjonijiet.

36. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi għandha tkun iffokata fuq oqsma ta' politika fejn l-effetti pożittivi fuq il-kompetittività, l-impjiegi u l-funzjonament tal-UEM huma l-iktar prominenti.

Bħala l-ewwel pass, il-Kunsill Ewropew ser jagħmel analiżi kondiviża tas-sitwazzjoni ekonomika fl-Istati Membri u fiż-Żona tal-euro, bħala tali. Għal dan il-għan, f'Diċembru diġà ser jorganizza diskussjoni wara l-pubblikazzjoni tal-Istħarriġ Annwali tal-Kummissjoni dwar it-Tkabir u r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija bil-għan li jintlaħaq qbil, abbażi tal-indikaturi rilevanti, dwar l-oqsma prinċipali għall-koordinazzjoni tal-politiki u r-riformi ekonomiċi.

Din l-analiżi kondiviża ser tkun ibbażata fuq valutazzjoni ta' politiki u miżuri li jsaħħu t-tkabir u l-impjiegi, inkluż il-prestazzjoni tas-swieq tax-xogħol u tal-prodotti, l-effiċjenza tas-settur pubbliku, kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali fiż-Żona tal-euro.

Il-Kummissjoni ser tagħti wkoll l-ewwel ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li ser tkun bażi għal aktar monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom.

Ser titkompla l-ħidma biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, bl-oġettiv li f'Diċembru jittieħdu deċiżjonijiet rigward il-karatteristiċi prinċipali tal-arranġamenti kuntrattwali u l-mekkaniżmi ta' solidarjeta' assoċjati. Dan ser jinvolvi lill-Istati Membri taż-Żona tal-euro iżda l-Istati Membri li mhumx parti miż-Żona tal-euro jistgħu wkoll jagħżlu li jidħlu f'arranġamenti simili. Kwalunkwe miżura bħal din għandha tkun kompletament kompatibbli mas-Suq uniku fl-aspetti kollha.

Dimensjoni soċjali

37. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-dimensjoni soċjali tal-UEM bħala pass pożittiv u jiddikjara mill-ġdid l-importanza tal-iżviluppi soċjali u fl-impjiegi fi ħdan is-Semestru Ewropew. L-użu ta' tabella ta' valutazzjoni soċjali u tal-impjiegi fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u ta' indikaturi soċjali u dawk dwar l-impjiegi fuq il-linji proposti mill-Kummissjoni għandu jinkiseb, b'segwitu għal ħidma adatta fil-Kumitati rilevanti, biex tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill f'Diċembru, b'konferma mill-Kunsill Ewropew bl-objettiv li dawn l-istrumenti l-ġodda jintużaw sa mis-Semestru Ewropew tal-2014. Din il-firxa usa' ta' indikaturi għandha l-għan li tippermetti fehim aktar ġenerali dwar l-iżviluppi soċjali.
38. Il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, dwar l-impjiegi u soċjali ser tkompli tissaħħaħ f'konformità mal-proċeduri eżistenti filwaqt li jiġu rrispettati b'mod sħiħ il-kompetenzi nazzjonali. Dan jitlob aktar ħidma biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn id-diversi konfigurazzjonijiet tal-Kunsill sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ta' dawk il-politiki f'konformità mal-objettivi komuni tagħna.
39. Il-koordinazzjoni msaħħa tal-politika ekonomika u miżuri oħrajn biex tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali fiż-Żona tal-euro huma volontarji għal dawk li ma jagħmlux parti mill-munita unika u dawn ser ikunu kompletament kompatibbli mas-Suq Uniku fl-aspetti kollha.
40. Fl-aħħar nett, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jissaħħaħ id-djalogu soċjali li jinvolti lill-imsieħba soċjali kemm fil-livell tal-Istat Membru kif ukoll f'dak Ewropew, b'mod partikolari fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, bl-objettiv li tissaħħaħ is-sjieda tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu fl-Unjoni kollha.

Unjoni bankarja

41. Il-Kunsill Ewropew qiegħed jiggwida b'mod attiv il-proċess tal-istabbiliment tal-Unjoni Bankarja. Huwa jilqa' l-adozzjoni finali mill-Kunsill tar-Regolamenti Emendatorji dwar il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA). Dan jirrappreżenta pass deċiżiv lejn l-Unjoni Bankarja. Il-Kunsill Ewropew itenni l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni tal-Istati Membri rigward is-superviżjoni u r-riżoluzzjoni bankarji kif iddikjarat fil-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2012 u jikkonferma mill-ġdid l-arranġamenti tal-votazzjoni l-ġodda maqbula fir-Regolament dwar l-EBA għal dawn il-kwistjonijiet, li jirrifletti bilanċ adatt bejn l-Istati Membri parteċipanti u dawk mhux parteċipanti. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma mill-ġdid ukoll il-qbil tiegħu li r-rieżami dwar it-tħaddim tal-arranġamenti tal-votazzjoni ser iseħħ mid-data li fiha l-għadd ta' Stati Membri mhux parteċipanti jsir erbgħa.
42. Il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku huwa l-ewwel pass lejn l-Unjoni Bankarja. F'Novembru, il-Bank Ċentrali Ewropew ser iniedi valutazzjoni komprensiva tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Istati Membri li qegħdin jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku f'konformità mar-Regolament li jagħti kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew. Dan ser ikun segwit minn simulazzjoni ta' kriżi tal-banek fl-UE kollha. Il-Kunsill Ewropew hu tal-fehma li dan l-eżerċizzju hu importanti biex tissaħħaħ il-fiduċja fis-settur bankarju tal-UE u biex il-kondizzjonijiet ta' self għall-azjendi u l-familji jerġgħu lura għan-normal. Il-Kunsill Ewropew jistenna li jkollu appoġġ u kooperazzjoni sħaħ mill-awtoritajiet nazzjonali biex jiġu żgurati trasparenza sħiħa u approċċ rigoruż, li huma importanti għall-kredibbiltà tal-eżerċizzju.

43. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-urġenza, li l-Istati Membri jieħdu sehem fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, li jistabbilixxu approċċ Ewropew ikkoordinat fit-tħejjija għal valutazzjoni komprensiva tal-istituzzjonijiet ta' kreditu mill-Bank Ċentrali Ewropew. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-arranġamenti kollha adatti, inklużi garanziji ta' kontinġenza nazzjonali, fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat. L-istrumenti Ewropej huma disponibbli skont ir-regoli maqbula tagħhom. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kunsill biex jiżviluppa dan l-approċċ bħala kwistjoni ta' urġenza u biex jikkomunikah sal-aħħar ta' Novembru, f'konformità mal-għan li l-Bank Ċentrali Ewropew iwettaq il-valutazzjoni komprensiva tal-istituzzjonijiet ta' kreditu mingħajr dewmien. Huwa jappella wkoll lill-Grupp tal-euro biex jiffinalizza l-linji gwida għar-rikapitalizzazzjoni diretta tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà sabiex il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà jkollu l-possibbiltà li jirrikapitalizza l-banek direttament, wara l-istabbiliment tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku.
44. It-twettiq tal-Unjoni Bankarja hu urġenti u jeħtieġ mhux biss Mekkaniżmu Superviżorju Uniku iżda wkoll Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni. Il-Kunsill Ewropew jappella lil-leġislaturi biex jadottaw id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek u d-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti sa tmiem is-sena. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa li jiġu allinjati l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u d-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek, kif adottata finalment. Huwa jissottolinja wkoll l-impenn biex jintlaħaq approċċ ġenerali mill-Kunsill rigward il-proposta tal-Kummissjoni għal Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni sa tmiem is-sena, sabiex ikun jista' jiġi adottat qabel it-tmiem tal-perijodu legiſlattiv attwali.

IV. SĦUBIJA TAL-LVANT

45. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess is-Summit dwar is-Sħubija tal-Lvant f'Vilnjus fit-28 u d-29 ta' Novembru 2013. Dan jissottolinja l-importanza tas-Sħubija tal-Lvant biex jinbena spazju komuni ta' demokrazija, prosperità u stabbiltà fil-kontinent Ewropew kollu. Il-Kunsill Ewropew itenni r-rieda tal-Unjoni Ewropea li tiffirma Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, mal-Ukraina fis-Summit ta' Vilnjus, dment li jkun hemm azzjoni determinata u progress tanġibbli f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2012, u li titnieda l-applikazzjoni proviżorja tiegħu. Huwa jikkonferma r-rieda tal-Unjoni Ewropea li tinizjala ftehimiet simili mar-Repubblika tal-Moldova u l-Ġeorġja fis-Summit ta' Vilnjus, bil-għan li tiffirmahom sal-ħarifa tal-2014.

V. FLUSSI TA' MIGRAZZJONI

46. Il-Kunsill Ewropew jesprimi d-dieqa kbira tiegħu rigward il-mewt reċenti u drammatiku ta' mijiet ta' persuni fil-Mediterran li xxokkja liċ-ċittadini Ewropej kollha. Għandha tittieħed azzjoni determinata, abbażi tal-element essenzjali tal-prevenzjoni u l-protezzjoni u ggwidata mill-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà sabiex jiġi impedit it-telf tal-ħajja ta' persuni fuq il-baħar u biex jiġi evitat li jergħu jseħħu traġedji bħal dawn.

47. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jiġu indirizzati l-kawżi abbażi tal-flussi ta' migrazzjoni billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu, inkluż permezz ta' appoġġ adatt tal-UE għall-iżvilupp u politika ta' ritorn effettiva. Huwa jappella wkoll għal kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-UNHCR u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni fil-pajjiżi terzi kkonċernati. Il-ġlieda kontra t-traffikar u d-dħul klandestin tal-bnedmin għandha tissaħħaħ, mhux biss fit-territorju tal-Istati Membri tal-UE iżda wkoll fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew jappella għat-tisħiħ tal-attivitajiet tal-Frontex fil-Mediterran u tul il-fruntieri tax-Xlokk tal-UE. Implimentazzjoni rapida mill-Istati Membri tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) ser tkun kruċjali biex tgħin fl-individwazzjoni ta' bastimenti u ta' dħul illegali, filwaqt li tikkontribwixxi biex jiġu protetti u salvati l-ħajjiet ta' persuni fil-fruntieri esterni tal-UE.
48. Il-Kunsill Ewropew jistieden lit-Task Force għall-Mediterran li għadha kif ġiet stabbilita, immexxija mill-Kummissjoni Ewropea u li tinvolvi lill-Istati Membri, l-aġenziji tal-UE u s-SEAE, biex tidentifika - abbażi tal-prinċipji ta' prevenzjoni, protezzjoni u solidarjetà - azzjonijiet ta' prijetà għal użu aktar effiċjenti fuq perijodu qasir ta' politiki u għodod Ewropej. Il-Kummissjoni ser tippreżenta rapport lill-Kunsill dwar il-ħidma tat-Task Force fil-laqgħa tiegħu tal-5 u s-6 ta' Diċembru 2013 bil-ħsieb li jittieħdu deċiżjonijiet operazzjonali. Il-Presidenza ser tippreżenta rapport lill-Kunsill Ewropew f'Diċembru.
49. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjonijiet tal-asil u l-migrazzjoni f'perspettiva ta' politika usa' u fuq perijodu ta' żmien itwal f'Ġunju 2014, meta ser jiġu ddefiniti linji gwida strateġiċi għal aktar ippjanar leġislattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.
-

DIKJARAZZJONI TAL-KAPIJIET TA' STAT JEW TA' GVERN

Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern iddiskutew l-iżviluppi reċenti li jikkonċernaw kwistjonijiet possibbli ta' intelligence u t-tħassib serju li dawn l-avvenimenti qajmu fost iċ-ċittadini Ewropej.

Huma ssottolinjaw ir-relazzjoni mill-qrib bejn l-Ewropa u l-Istati Uniti tal-Amerika u l-valur ta' dik is-sħubija. Huma esprimew il-konvinzjoni tagħhom li s-sħubija għandha tkun ibbażata fuq ir-rispett u l-fiduċja, inkluż fir-rigward tal-ħidma u l-kooperazzjoni tas-servizzi sigrieti.

Huma enfasizzaw li l-ġbir ta' intelligence huwa element essenzjali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. Dan japplika għar-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi Ewropej kif ukoll għar-relazzjonijiet mal-Istati Uniti tal-Amerika. Nuqqas ta' fiduċja jista' jippreġudika l-kooperazzjoni meħtieġa fil-qasam tal-ġbir ta' intelligence.

Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern ħadu nota tal-intenzjoni ta' Franza u l-Ġermanja li jfittxu li jkollhom taħdidiet bilaterali mal-Istati Uniti tal-Amerika bil-għan li qabel tmien is-sena jkun hemm fehim dwar relazzjonijiet reċiproċi f'dak il-qasam. Huma nnotaw li pajjiżi oħrajn tal-UE jistgħu jissiehu f'din l-inizjattiva.

Huma indikaw ukoll il-Grupp ta' Ħidma eżistenti bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-kwistjoni relatata tal-protezzjoni tad-data u appellaw għal progress rapidu u kostruttiv f'dak ir-rigward.